# 78. Pariġi u Londra 1940

Pariġi, belt qadima
fil-ġrajja u fix-xalar,
il-Ħarb ma raxxaxx fuqek
xita ta' bombi u nar;
ix-xmara għadha sserrep
mal-ġmiel ta' Notre Dame;
fil-knejjes u l-palazzi
għad hemm iż-żġieġ u r-rħam;

Iżda fid-djar imlewna,
tas-saqaf taħt il-kenn,
ġensek maħqur jitbekka,
tal-jasar għandu l-ġenn;
u fuq il-Qaws tar-Rebħa,
tal-belt fuq il-ħitan,
qed tperper l-Iswastika
mibgħuda daqs xitan!

Ja Londra, belt qadima
fil-ġrajja u fix-xalar,
triqatek bruġ ta' ħerba
tal-knejjes u tad-djar;
l-imfakar tal-imgħoddi
imfarrka trab mal-art;
il-Ħarb ħalef li jxejnek
bin-nar, bil-ġuħ, bil-mard;

Iżda fil-bard u l-ħerba
ġensek miġbur flimkien
igħanni qawwi u hieni
il-Għanja tal-Ħelsien,
għanja li tibqa' tidwi
sakemm itulu s-snin,
sakemm jibqgħu ġellieda,
sakemm hemm qalbenin!